Is-Sitt Sena Primarja **Ġ6.2 - IL-ĠEOGRAFIJA MILL-AĦBARIJIET**

***Worksheet*** **Ġ6.2.2**
Naraw dawn il-pajjiżi humiex:
(a) madwar il-Mediterran
(b) ’il bogħod mill-Mediterran.




**Aqra, imbagħad wieġeb.**

Waqt il-bulettin tal-aħbarijiet ta’ ġurnata partikolari f’Lulju 2014, issemmew dawn il-pajjiżi barranin:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Iżrael **MM** | 2 | L-Ukrajna **BM** | 3 | Spanja |
| 4 | Franza | 5 | L-Awstralja | 6 | L-Indja |
| 7 | Ir-Repubblika Ċeka | 8 | L-Awstrija | 9 | Is-Slovakkja |
| 10 | Is-Serbja | 11 | L-Ungerija | 12 | Il-Kolumbja |
| 13 | Il-Brażil | 14 | Il-Perù | 15 | San Francisco |
| 16 | Il-Libja | 17 | It-Tuneżija | 18 | L-Eġittu |
| 19 | L-Istati Uniti tal-Amerika | 20 | Ir-Russja | 21 | Iċ-Ċina |

1. Fuq it-tabella t’hawn fuq stess ikteb:
   (a) l-ittri **MM** (li jfissru: **M***adwar il-* **M***editerran*) ħdejn il-pajjiżi li jmissu mal-Baħar Mediterran
   (b) l-ittri **BM** ( li jfissru: **B***ogħod mill-***M***editerran*) ħdejn il-pajjiżi li ma jmissux mal-Baħar Mediterran.

2. Minn fuq mappa tad-dinja sib u ikteb liema pajjiż (mit-tabella) huwa l-iktar qrib ta’ Malta u liema pajjiż huwa l-iktar ’il bogħod.
   (a) L-iktar pajjiż qrib ta’ Malta huwa: ___________________________.
   (b) L-iktar pajjiż ’il bogħod minn Malta huwa: ___________________________.

3. Għandek xi qraba jew ħbieb jgħixu f'xi pajjiż imsemmi fit-tabella? Jekk iva ikteb fil-qosor x'taf dwar il-pajjiż.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

4. Fit-tabella hemm tliet pajjiżi li jmissu mal-Baħar Mediterran u jinsabu fil-kontinent tal-Afrika. Liema huma?

(a) ______________________________

(b) ______________________________

(c) ______________________________

5. Fit-tabella hemm tliet pajjiżi oħra li jmissu mal-Baħar Mediterran. Sib liema huma u ikteb l-isem tal-pajjiż flimkien mal-belt kapitali tiegħu.

(a) Il-pajjiż: ________________________ Il-belt kapitali: ________________________

(b) Il-pajjiż: ________________________ Il-belt kapitali: ________________________

(c) Il-pajjiż: ________________________ Il-belt kapitali: ________________________

6. Wieħed mill-pajjiżi msemmija huwa wkoll kontinent. Liema hu?

______________________________